**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Clint Dalton**
**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru:** 1109/11

**Illum, 15 ta' Settembru 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Clint Dalton detentur tal-karta tal-identita` numru 416489M u -omissis- akkuzati talli f'dawn

il-Gzejjer fil-01 ta' Ottubru 2011 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' filghodu (04:30a.m), gewwa Havana, Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. Attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PC131 Nathan Bugeja, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

2. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaggunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC131 Nathan Bugeja persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

3. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjaw, heddhu jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' PC131 Nathan Bugeja, persuna inkarigata skond il-ligi

minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

4. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qajjmu rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmlu offiza fuq il-persuna.

5. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kissru il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Akkuzat Clint Dalton wahdu talli aktar billi ikkommetta reat waqt il-perjodu tal-liberazzjoni kondizzjonali, liema ordni nghatat fil-21 ta' Gunju 2011 mill-Magistrat E. Grima LL.D.

Talli b'ghemilu kiser l-Art 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta billi kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation

order kif ukoll talli skont l-Art 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta irrenda ruhu recediv.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota datata disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru elfejn u tnax (2012) tal-Avukat Generali li biha elenka x'inhuma l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija u cioe':-

a. fl-artikoli 95(1) u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 214 u 216(1)(A) (ii)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikolu 238(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. fl-artikoli 7,21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda kollha;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat aggressjoni mill-imputat u huh *omissis* lejn PC 131 Nathan Bugeja nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru elfejn u hdax (2011) fil-klab *Havana* f'Paceville.

Semghet ix-xhieda tal-allegat vittma PC 131 **<u>Nathan Bugeja</u>** fejn dan spjega kif kien il-*Havana* dakinhar tal-incident flimkien mat-tfajla tieghu Denise Galea u habib tieghu Sean Briffa fejn f'daqqa wahda giet l-ex tfajla tieghu Beves Grima u bdiet tmisslu l-flokk. Huma qalulha sabiex thallih bi kwietu izda fil-pront gew l-imputat u huh u Clint Dalton beda jheddu. Huwa jghid illi f'dak il-mument hareg it-tessera tal-pulizija u identifika ruhu biex forsi jieqfu. Izda Nico Dalton aktar offendih u mbaghad bdew jaghtuh bil-ponn.

Huwa jghid illi bid-daqqiet go wiccu dan storda u waqa' mal-art biex rega' gie f'sesih fil-karozza tal-pulizija.

Il-parte civile ddikjara li b'konsegwenza tal-incident huwa sofra griehi f'wiccu konsistenti fi ksur f'imniehru u tbengil (Dokumenti NB 2 – NB 4).

Xehdet ukoll l-gharusa tal-parte civile **<u>Denise Galea</u>** li kkonfermat li kienet ma' Nathan Bugeja dakinhar tal-incident gewwa *Havana* meta f'daqqa u l-hin tigi l-ex gharusa ta'

Nathan Bevis Grima u bdiet titkellem mieghu u wara bdew jillatikaw. X'hin Denise marret sabiex twaqqafhom, Bevis imbuttatha. Nathan imbaghad talab lil Denise sabiex imur ikellimha u marru hdejn il-bar fejn kien hemm l-akkuzat u huh.

Ix-xhud tghid illi ezatt kif dawwret rasha u regghet harset hija rat lil Nathan jghid li hu pulizija u fil-pront tara lil Nathan mal-art u l-imputat u huh jaghtuh bil-ponn u fil-pront tara lil Sean Briffa; habib ta' Nathan imur iferraq.

Xehed it-tabib li ezamina lill-parte civile u cioe' **Dr. Kido Adozien** fejn dan ikkonferma l-griehi li sofra u fejn ikkonferma li Nathan Bugeja kellu jigi operat f'imniehru b'konsegwenza tal-griehi. Huwa kkonferma wkoll illi l-griehi subiti kienu konsistenti ma' daqqa qawwija. Dan kien ikkonfermat ukoll minn **Dr. Hermann Borg Xuereb**.

Xehed ukoll **Sean Briffa** li wara hafna rnexxielu jirrakonta l-istorja ta' x'ra dakinhar tal-incident fejn dan qal li ra l-imputat

u huh jersqu lejn Nathan imbaghad bdew jixxejru d-daqqiet mill-imputat u huh u ra lil Nathan jaqa' mal-art. Huwa jghid illi mar jipprova jferraq izda kien kollu ta' xejn. Jghid li wara huwa ha lil Nathan il-*polyclinic.*

Xehed **Joseph Galea** li jahdem bhala *manager* gewwa l-*Havana* u jghid li dakinhar kien qed jaghlaq il-*bar* ghaliex kienu kwazi ser jaghlqu sena li kien gara xi ncident u ra lis-*securities* l-ohra jnizzlu lill-akkuzat u lil huh u ra lil Nathan bid-demm f'wiccu. Huwa kkonferma li jigi missier l-gharusa ta' Nathan u cioe' Denise Grima.

Il-Qorti semghet ukoll ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur **L-Ispettur Trevor Micallef** li pprezenta sentenza kontra l-imputat Clint Dalton inkwantu ghall-addebitu tal-ksur ta' sentenza ta' liberazzjoni kondizzjonali (Dok. TM).

Xehdet ukoll **Bevis Grima** li tghid li Nathan mar fuq Nico Dalton u bdew jitkellmu, fil-pront Nathan jaghti daqqa ta' ponn lil Nico u mbaghad Nico tah daqqa ohra. Hija tghid li ma

semghetx xi bdew jghidu bejniethom minhabba d-diski. Hija cahdet li Nathan kien kellimha jew hi marret tkellmu qabel.

Rat ir-rapport tal-ufficjal tal-Probation **Marilyn Formosa** fejn kienet intalbet mid-difiza sabiex thejji *social enquiry report* ghan-nom tal-imputat Clint Dalton fejn gie kkonfermat li l-imputat kien beda programm residenzjali waqt li kien qed jiskonta sentenza ta' habs izda dan gie mwaqqaf ghaliex kien ghamel uzu tal-alkohol meta ma kienx suppost. Hija tghid illi huwa kien baqa' jaghmel uzu mill-haxixa. Hija tghid li l-imputat trabba min-nanna materna tieghu ghaliex ommu u missieru kienu zzewwgu zghar hafna u sseparaw ftit wara. Hareg ukoll illi precedentement l-imputat kien ghadda taht Ordni ta' Probation li ma spiccatx tajjeb ghaliex l-imputat ma kienx jattendi ghall-appuntamenti.

Finalment xehed l-imputat **Clint Dalton** li huwa baqa' jinnega li beda l-argument hu u jghid illi kien Nathan Bugeja li gie fuqu u ta daqqa lil huh Nico u dan tah daqqa ohra. Clint jghid li hu kull ma ghamel kien li ferraq. L-imputat esebixxa certifikat

mediku ta' dakinhar tal-incident li pero' ma giex mahluf mit-tabib li nvistah.

Illi huwa ben risaput oramaj illi biex jissusti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu.

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara.

Qed issir ukoll referenza ghad-decizjoni **Il-Pulizija vs Jonathan Gatt** (Qorti tal-Magistrati (Malta), 9.07.2012) fejn gie kkonfermat dan il-punt u ntqal hekk:

*"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta' l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."*

Illi pero' dawn l-akkuzi huma kkwalifikati bl-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li dawn ir-reati saru minhabba illi l-allegat vittma kien pulizija u mhux persuna privata.

Illi l-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat hija l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' ikun biss ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-

theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Dan l-Artikolu jghid hekk:

> *"Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000)".*

Il-**Profs. Mamo** fin-noti tieghu jikkwota l-awturi **Cheveau et Helie** fuq dan is-suggett u jghid:

> ***"Quando l'oltraggio si verifika nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' differente; la legge vede soltando il turbamento, l'inguria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe".***

Fil-kawza tal-Qorti tal-Appell bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** (deciza fid-9ta' Settembru 2002) inghad li:

> ***"Dana l-artikolu*** *(referring to Article 96)* ***jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku*** *(the same as Article 95(1))*, ***izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni***

*moghti skond il-ligi minn xi awtorita' kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) - "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz".*

Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali f'sentenza ohra, bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar**, (deciza fit-12 ta' Dicembru 1936 per W. Harding) biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg taht l-Artikolu 95 (dak iz-zmien 94) tal-Kodici Kriminali:

*" ... ... hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala ingurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu fil-waqt li dana jkun fl-att tas-servizz, "officio durante vel contemplatione officii". ... ... Illi huwa anki rekwizit ta' dana d-delitt li l-kliem jigu profferiti fil-prezenza tal-ufficjal jew kif jinghad, "De visu"; altrimenti ma hemmx "oltraggio", imma ingurja komuni, kif ghallmet din l-*

*istess Qorti, sedenti l-Prim Imhallef Sir Giuseppe Carbone, fil-kawza "Polizia vs Arcicovich" maqtugha fis-17 ta' Novembru 1909, u l-Cassazione Roma 12. 2. 1892 (Rep. Conti. art. 194, para 112); Illi hemm bzonn imbaghad iz-zewg rekwiziti ta' kull delitt, cioe l-element materjali u lelement morali. L-element materjali jikkonsisti fi kliem jew atti ingurjuzi; l-element morali jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Illi hemm kazijiet li fihom l-element morali, cioe l-"animus injuriandi", jigi prezunt, u dan jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragjonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova konvincenti li ghaliha dawk il-kliem ikunu diretti tkun ingurjata. ... ...".*

Pero', din is-sentenza tkompli tghid li jekk pero' l-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, *"ma hemmx lok ghal ebda presunzjoni ta' dolo, u ghandha ssir kwindi mill-prosekuzzjoni l-prova illi l-hsieb tal-imputat kien li joffendi lill dak l-ufficcjal fl-unur u dekor tieghu billi jesponih ghad-*

*disprezz, inaqqaslu giehu, iwegghu b'diskorsu jew inaqqaslu l-istima u r-reputazzjoni*".

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm huwa pacifiku illi Nathan Bugeja nghata daqqa f'wiccu li kkagunatlu griehi gravi, dan ma kienx fil-qadi ta' dmirijietu u ghalhekk dawn l-Artikoli ma japplikawx anke jekk l-istess Bugeja identifika ruhu li kien pulizija.

Illi a rigward min ikkaguna l-griehi fuq il-wicc tal-parte civile ossija l-ksur fl-imnieher, l-istess Bugeja jitkellem fil-kollettiv meta kien qieghed jispjega l-incident u ma identifikax x'ghamel kull wiehed mill-persuni nvoluti fl-incident u kwindi gialdarba l-imputat Clint Dalton ma huwiex car ezatt l-effetti tal-ghemil tieghu x'kien din il-Qorti thoss li l-anqas il-feriti gravi ma gewx ippruvati *multo magis* meta l-anqas l-Artikoli riferibbli ghal dawn il-griehi ma gewx ikkwotati korrettement mill-Avukat Generali u wisq anqas meta l-ebda espert ma gie jikkonferma dwar il-permanenza o meno tal-griehi sofferti.

Dak li hu cert hu illi bl-agir tal-imputat u ta' huh omissis, tqajjem putiferju shih fil-klabb u ghalhekk l-akkuza taht l-Artikolu 238 (b) u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 gew sodisfatti.

Illi gew sodisfatti wkoll l-aggravju tar-recidiva b'sentenza moghtija mill-Magistrat Edwina Grima fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju elfejn u hdax stante li din is-sentenza giet ipprezentata izda mhux li l-imputat kiser kondizzjoni ta' liberta kondizzjonali moghtija fl-istess sentenza stante li l-imputat kien diga' gie ssentenzjat minn din il-Qorti diversament presjeduta (Dok. TM2).

Illi finalment u a rigward il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti semghet ix-xhieda tal-ufficjal tal-Probation Marilyn Formosa li fl-aggornament ghas-*Social Enquiry Report* hija infurmat illi l-imputat kien qed joqghod man-nanna tieghu u li kien qed jahdem u ghalhekk kien qed jipprova jirranga hajtu ghalkemm kien ghad baqghalu hafna aktar xoghol x'jaghmel.

Illi ghaldaqstant sabiex taghti xaqq ta' dawl lill-imputat biex jipprova jkompli jirranga hajtu mhix ser tinfliggi sentenza ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 238(b) b'referenza ghall-Artikoli 216(1)(b), 49, 50 u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Clint Dalton hati biss tar-raba' (4), l-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi u fuq ir-recidiva u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28(a) tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah ghal sena (1) prigunerija sospizi ghal tliet (3) snin filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) akkuzi u mis-sitt (6) akkuza inkwantu ghal ksur tas-sentenza dwar liberta' kondizzjonali stante li ma gewx ippruvati.

Inoltre' tohrog Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 a favur tal-parte civile Nathan Bugeja u dan ghal tliet (3) snin mil-lum, liema ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Clint Dalton l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**